MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Numru 96/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**Vs**

**Papa Kamane Dieye**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Papa Kamane Dieye ta' wiehed u tletin sena (31) imwieled is-Senegal fit-22 ta' Settembru 1982, bin Omar u Ndoya, residenti Birzebbugia u detentur ta' permess ta' residenza Taljan bin-Numru I03954986, talli fid-19 u 26 ta' Jannar 2014 gewwa Marsaxlokk:

1. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew tal-prodott ta' industrija jew xjentament ghamel uzu

minn dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

2. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura jew, xjentement ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

3. Xjentement ghamel uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghat tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta ta' merkanzija jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema;

4. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq;

5. Bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra u minghajr il-kunsens ta' proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx, jithawwad ma' *trademark* registrata;
6. Bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens ta' proprjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri, qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' *trademark* registrata; kif ukoll talli

7. Iggestixxa xi attivita kummercjali minn fuq suq fil-berah minghajr permess sabiex jaghmilha ta' bejjiegha bil-posta u minghajr ma giet allokata lilu posta fissa mill-awtoritajiet kompetenti.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, il-Qorti tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Rat ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' daWn il-proceduri, u b'mod partikolari l-fedina penali ta' l-imputat markata Dok. “JF2”, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat markata Dok. “JF4” u z-zraben konfiskati minghand l-imputat esebiti bhala Dok. “JF5”;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u dana anke wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena u nnotat li entrambe ddikjaraw li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-piena idoneja tkun wahda karcerarja sospiza ai termini tal-Ligi;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fid-19 u 26 ta' Jannar 2014, gewwa Marsaxlokk: (i) iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew tal-prodott ta' industrija jew xjentament ghamel uzu minn dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; (ii) iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura jew, xjentement ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; (iii) xjentement ghamel uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghat tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta ta' merkanzija jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema; (iv) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni,

biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq; (v) bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra u minghajr il-kunsens ta’ proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx, jithawwad ma’ *trademark* registrata; (vi) bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens ta’ proprjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri, qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma’ *trademark* registrata; kif ukoll talli (vii) iggestixxa xi attivita kummercjali minn fuq suq fil-berah minghajr permess sabiex jaghmilha ta’ bejjiegha bil-posta u minghajr ma giet allokata lilu posta fissa mill-awtoritajiet kompetenti.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u ghalhekk fid-dawl ta’ tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta’ l-akkuzi kollha hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri u li kkoopera mal-Pulizija. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u li l-Prosekuzzjoni u d-Difiza jaqblu li fil-kaz in ezami sentenza karcerarja sospiza ai termini tal-Ligi tkun piena idoneja. In oltre hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li ir-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat jirrizultaw kollha mill-istess fatt u ghalhekk ir-reati minuri ghandhom jigu assorbiti fir-reat l-iktar gravi.

Ghaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 298(1)(a),(b),(c) u (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 72(a) u (b) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 26 u 27 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghall-perijodu ta’ prigunerija ta’ sena (1), izda peress illi fil-fehma Taghha fic-cirkostanzi tal-kaz, fosthom il-fatt li l-

imputat ikkoopera mal-Pulizija, ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u ghandu fedina penali netta, hemm lok li l-imsemmi terminu ta’ sena (1) prigunerija jigi sospiz ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tissosspendi tali terminu ta’ prigunerija ta’ sena (1) ghall-perijodu ta’ sentejn (2) b’effett millum.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

In oltre ai termini ta’ l-Artikolu 81 tal-Kap.416 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna li iz-zraben li gew konfiskati minghand l-imputat u esebiti f’dawn il-proceduri bhala Dok. “JF5”, jigu meqruda wara li t-*trademarks* jew deskrizzjonijiet kummercjali ohra li jidhru fuqhom jkunu thassru ghal kollox minn fuqhom.

In fine l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri stante li: (i) ma gew Minnha nominati ebda esperti jew periti fil-kuntest ta’ dawn il-proceduri; u (ii) fi kwalunkwe kaz ma tressqet l-ebda prova li kien hemm in-nomina ta’ tali esperti jew periti f’kuntest ta’ inkjesta li setghet infethet fir-rigward ta’ dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------